MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2013

Numru 249/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Leslie Fenech**

**Illum, 17 ta' Marzu, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Leslie Fenech ta' 34 sena, bin Saviour u Molly Patricia nee' Smith, imwieled Pieta fl-1 ta' Dicembru 1978, residenti gewwa 187 Flat 1 Triq in-Naxxar San Gwann u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 586478(M).

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Jannar 2013 ghal habta tal-13:45hrs, gewwa Camilleri Dental Clinic, Flat 15 Regent House, Sqaq Bisazza Sliema kkommetta serq ta' Laptop

tal-ghamla Fujitsu Siemens ta' valur li jeccedi €232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Nigel Camilleri u jew ta' persuni ohra u dan bi ksur ta' artikolu 261(c) u 267 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli b' hekk irrenda ruhu recidiv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta' Artikolu 49, 50 u 280 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa ghandu problemi ta' sahha mentali kif ukoll ta' abbuz mid-droga.

Ghal dawn l-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax –il xahar bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni kontestwalment inkluz

dawk li jigi rikoverat l-isptar Monte Carmeli u li jhallas lill-parte leza is-somma ta’ erba’ mitt Euro (€400).

Il-Qorti spjegat lil-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax –il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------